MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 731/2001/1

Avviz Nru:  731/01 DM

Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Sun Alliance &  London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Neil Borg u l-istess Neil Borg

Vs

Felix Salerno

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija sebgha u tletin lira (Lm4737) (Lm4637 lis-

socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm100 lill-attur Neil Borg) in linea ta' danni minnhu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fiz-Zejtun fil-5 ta' Dicembru 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru TFA 294 habat mal-vettura Nru FXX 001 propjeta tal-attur Neil Borg u misjuqa minnhu - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-15 ta' Jannar 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Felix Salerno fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta attrici li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-16 ta' Mejju 2003 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti:

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat bejn il-vettura misjuqa mill-attur Neil Borg u dik misjuqa mill-konvenut fl-inkrocju regolat bit-'traffic lights' li hemm fi Triq Tal-Barrani, Zejtun sabiex tinghata l-opportunita' li sewwieq jista jaqsam it-triq principali minghajr riskju.

Jirrizulta li kien il-konvenut li ried jitlaq minn karreggjata wahda tat-triq principali biex jaqsam il-karregjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Biex jghamel din il-manuvra il-konvenut kien obbligat li jistenna sakemm il-vlegga hadra tixghel biex b'hekk tindika li t-traffiku fil-karreggjata li ried jaqsam kien wieqaf.  Infatti meta tkun mixghula l-vlegga hadra ghall-konvenut l-istess 'traffic lights' juru dawl ahmar lit-traffiku gej fit-triq principali li ghalhekk kellhu jkun wieqaf sakemm il-konvenut jkun jista' jaqsam.

B'ebda mod ma seta jixghel dawl ahdar ghaz-zewg sewwieqa u ghalhekk, billi t-tnejn isosstnu li fl-istess hin kull wiehed kellhu dawl ahdar u billi ma jirrizulta ebda difett fil-funzjonament tat-*traffic lights*, il-Qorti trid tezamina ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u d-diversi indizji li jirrizultaw mill-provi sabiex tistabilixxi liema wahda miz-zewg versjonijiet kontradittorji hija l-iktar verosimili u li timmerita li tigi accettata fuq bilanc ta probabilita'.

Minn-naha tal-attur Neil Borg jirrizulta li kien intiz li jibqa jsuq ghad-dritt fil-karreggjata tieghu u jallega li meta wasal fl-inkrocju in kwistjoni id-dawl tieghu kien mixghul ahdar u ghalhekk ma kellux ghalfejn jistenna xi traffiku jaqsam minn quddiemu.

Minn-naha l-ohra, fejn jirrigwarda il-konvenut jirrizultaw diversi fatturi li jdghajjfu l-allegazzjoni tieghu li huwa wkoll kellhu d-dawl ahdar li jissenjala karreggjati liberi.

Inafft, mill-provi jirrizulta illi ghat-traffiku gej mill-istess direzzjoni tal-konvenut kien hemm zewg dwal hodor biex jirregolaw il-progress. Dawl wiehed kien intiz biex jirregola

t-traffiku li ried jibqa jipprocedi fi Triq tal-Barrani ghad-dritt u dwal iehor ahdar, bi vlegga fuqu, intiz esklussivament biex jirregola il-progress ta vetturi li riedu jghamlu l-manuvra li ried jghamel il-konvenut.

Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu il-konvenut stqarr li kien intiz sewwa bid-differenza bejn iz-zewg dwal hodor u allega li anke mal-ufficcjal li nvestiga l-kaz kien ghamel din id-distinzjoni, mid-deposizzjoni ta PS 249 Angelo Curmi (ix-xhud indipendenti li nvestiga l-kollizzjoni) jirrizulta li *a tempo vergine* il-konvenut irrefera biss ghal dawl ahdar u qatt ma specifika li dan kien id-dawl ahdar bil-vlegga li kien biss jawtorizzah li jista jipprocedi. Fi kwalunkwe kaz il-konvenut dejjem ghamel riferenza ghal dawl wiehed ahdar li kien mixghul u qatt ma allega li **z-zewg dwal hodor** quddiemu kienu mixghulin kif fil-fatt kellhu jkun il-kaz meta jixhel id-dawl ahdra bil-vlegga li kien jirregola l-progress tieghu.

Dan il-fattur huwa ghalhekk indikattiv li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed fl-osservazzjoni tad-dwal li kienuqed jirregolaw s-sewqan tieghu u ghalhekk issib li fuq bilanc ta probabilita’ il-verzjoni attrici hija l-unika wahda attendibbli u konsegwentement issib li l-konvenut huwa unikament risponsabbli gall-kollizzjoni ‘de quo’ u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni kollha li sofrew l-atturi per konsegwenza.

Id-danni fis-somma ta LM4737 ma gewx ikkontestati u ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ erbat elef seba’ mija sebgha u tletin lira (Lm4737) (in kwantu ghall Lm4637 lis-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal Lm100 lill-attur Neil Borg) in linea ta’ danni minnhu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fiz-Zejtun fil-5 ta’ Dicembru 1999, meta waqt li l-konvenut qed isuq vettura Nru TFA 294 habat mal-vettura Nru FXX 001 propjeta tal-attur Neil Borg u misjuqa minnhu - peress illi ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in

osservanza tar-regolamenti., oltre l-imghax legali mill-15 ta Jannar 2001.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------